# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 20 ta' Marzu tas-sena 2002.**

**Numru 4**

**Avviz numru 99/02/SM**

**Middle Sea Insurance plc kif surrogati fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Paul Pullicino ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi u l-istess Paul Pullicino.**

**vs**

**Paul Falzon**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghalll-hlas tas-somma ta' LM3,787. 68,0 rapprezentanti d-danni sofferti mill-assigurat tas-socjeta' attrici li ghalihom ghamlet tajjeb l-istess socjeta' attrici abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni li tesisti bejniethom, liema danni gew kawzati b'rizultat tal-kollizjoni li sehhet bejn il-vetturi AAA 858 misjuqa mill-assigurat tal-attur u DAB 668 minnu misjuqa liema kollizjoni grat fl-4 ta'**

**Awissu, 2001 fi Triq Haz-Zebbug, Attard u ghall-liema kollizjoni hu unikament responsabbli minhabba traskuragini, imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu u ghall-liema kollizjoni l-assigurazzjoni tieghu Citadel Insurance gia accettat ir-responsabbilita bl-ittra taghha tal-31 t''ttubru 2001 izda liema ammont baqa' ma thallasx;**

**Bl-imghax legali mid-data tal-pagament u bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra legali tal-31 ta' Jannar 2002 u tal-ittra ufficcjali presentata kontestwalment mal-presenti lill-assigurazzjoni tieghu kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-13 ta' Marzu tas-sena 2002 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**